23 ta' Novembru, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Rikors tan-Nutar Dottor Paul Pullicino**

*versus*

**Dottor Louis Galea ne.**

**Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili — Lokazzjoni — Formoli Stampati — Konfini — Art. 30, 73 u 28 tal-Kap. 92.**

*Il-fatt li n-nutar jirrediġi ċerti attijiet (bħal ma huma lokazzjoni, protest kambjarju, u prokura) fuq formola stampata, minflok ma jiktibhom bil-pinna, ma hux kontra l-liġi notarili.*

*Lanqas ma hu kontra l-liġi l-fatt li, fir-redazzjoni ta' att ta' lokazzjoni ta' raba', in-nutar ma jindikax il-konfini ta' dak ir-raba'.*

Il-Qorti — Wara li rat id-digriet profferit mill-Qorti tar-

Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili fis-27 ta' Mejju 1953 (Dok. A), li bih dik il-Qorti kkundannat lill-imsemmi Nutar Dottor Paul Pullicino għar-riprensjoni u ammonizzjoni, għar-raġuni li, kuntrarjament għad-dispost ta' l-art. 30(1) ta' l-Att numru XI ta' l-1927, l-attijiet ta' qbiela 145, 146, 153, 154, 155, 162, 163, 173, 174, 175, 185 u 186 ta' l-imsemmija sena 1952, ma ġewx miktubin bil-pinna, imma fuq formoli stampati, u fihom il-fondi rustiċi ma ġewx indikati b'almenu tliet konfini kif irid l-art. 28 (1) (f) ta' l-imsemmi Att;

Wara li rat ir-rikors ta' l-istess Nutar Pullicino, preżentat f'din il-Qorti, li bih interpona appell, u talab illi l-istess digriet, relativament għaż-żewġ kapi hawn fuq indikati, jiġi revokat, bl-ispejjeż kontra l-Attorney General, billi l-esponent jiġi liberat mill-penalitajiet inflitti kif fuq imsemmi;

Rat ir-risposta ta' l-Attorney General fol. 7, li biha qal li, kwantu għall-użu ta' formoli stampati, huwa fatt li dawn ilhom xi żmien jiġu użati tant mill-Gvern kemm ukoll minn nutari fil-prattika privata tagħhom. Kwantu għall-kwistjoni tan-numru tal-konfini, il-prattika msemmija mir-rikorrent ma hix tant kostanti u uniformi. B'dan kollu, kemm fuq punt wieħed kemm fuq l-ieħor, l-Attorney General jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Dwar il-fatti ma hemmx kontestazzjoni;

Kwantu għall-użu ta' formoli stampati;

Il-Liġi Notarili, meta tirriferixxi għall-attijiet, tgħid, fl-art. 30 Kap. 92 Edizzjoni Riveduta, li dawn għandhom "jinkitbu" — fit-test Ingliż tintuża l-kelma "written". Il-kelma "write" tfisser "to form letters with a pen or a pencil". L-istess liġi, meta tirriferixxi għall-kopji ta' l-attijiet, fl-art. 73, wara li tgħid li d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 30 dwar kif għandu jinkiteb l-att oriġinali jgħoddu wkoll għall-kopji, tkompli tgħid li l-kopji jistgħu jsiru wkoll "bl-istampa jew mezzi mekkaniċi oħra............";

Kieku wieħed kellu jieqaf hawn, kien jgħid li, ladarba l-liġi ma ssemmix għall-attijiet li jistgħu jiġu magħmula bl-istampa jew mezzi mekkaniċi, allura sinjal li għandhom "jinkitbu", u xejn aktar. U allura, avvolja hu veru li hemm l-

użu li attijiet simili ta' lokazzjoni jsiru fuq formoli stampati, anki mill-Gvern, kien ikun hemm il-kwistjoni li dan l-użu hu kontra l-liġi. Però mal-liġi hemm annessa skeda, maħruġa taħt il-liġi stess, u kwindi "parti integrali tagħha"; u fit-tarf ta' l-ewwel parti ta' din l-iskeda, u preċiżament fin-numru 46, jingħad illi d-drittijiet li għandhom jitħallsu skond it-tariffa ma jiġux imnaqqsa minħabba li "l-attijiet ikunu iffurmati fuq formoli stampati". Għalhekk hija l-liġi stess li qiegħda tallarga s-sens tal-kelma 'written' fl-art. 30 fuq imsemmi; u l-konswetudini dijuturna, kostanti, osservata anki mill-Gvern stess, li ċjoè ċerti attijiet (bħal attijiet ta' lokazzjoni, protesti kambjarji, prokuri) qegħdin isiru fuq formoli stampati, tiġi tiswa, għax ma hix kontra l-liġi, imma konsona magħha, u għalhekk hija dik li tissejjaħ "observantia interpretativa";

Ma hemmx bżonn jingħad illi l-iskop tal-liġi hu ugwalment raġġunt, jekk mhux anzi aktar effikaċement, bl-istampa ta' attijiet simili; basta jiġu dejjem imħarsa r-rekwiżiti l-oħra ta' l-artikolu 30 fuq imsemmi;

Kwantu għall-indikazzjoni tal-konfini, l-art. 28 (1) (f) (ii) Kap. 92 jirriferixxi għal att "inter vivos" dwar l-immobili. Ma jidherx li din id-dispożizzjoni għandha tgħodd għal-lokazzjonijiet; għaliex bil-kliem "att dwar l-immobili" l-liġi evidentement riedet tfisser attijiet li jirrigwardaw il-proprjetà jew jeddijiet reali fuq dik il-proprjetà, inklużi s-servitujiet predjali, u d-dritt ta' użufrutt, ta' użu u ta' abitazzjoni (ara, b'konfront, art. 50 idem). Issa, il-lokazzjoni hi dritt personali talkonduttur (Kollez. Vol. XV p. 519, u XXVII—II—310), u ma tinteressax it-terzi bħal fil-każ ta' dritt reali;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka "pro tanto" d-digriet fuq imsemmi, u tilliberа lill-appellant mill-piena lilu nflitta. L-ispejjeż, stante x-xorta tal-każ, jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru għak-kariku ta' l-Attorney General.